# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum Il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Ġuramentat Numru: 41/2013**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**J.T.E. Limited (C15382); u**
**Ivan Attard u Noemi Attard**

***Sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu s-soċjetá attriċi, wara li ppremettiet:

Illi l-intimata ppreżentat Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 42/2012 JD fl-ismijiet "J.T.E. Limited vs Ivan Attard u Noemi Attard" u fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2012 innotifikat lill-esponenti bħala wieħed mis-sekwestratarji f'dak il-mandat;

Illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April 2012, is-sekwestrati dehru fuq kuntratt li bih huma biegħu proprjetà immobiljari appartenenti lilhom lil Jason u Frances Attard;

Illi fuq dak il-kuntratt, deher ukoll l-esponenti peress li Jason u Frances Attard talbu u ottenew self mingħand l-esponenti sabiex jiffinanzjaw l-akkwist da parti tagħhom ta' dik il-proprjetà immobiljari; u in eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt ta' self fuq delega mill-kumpraturi, l-esponenti ħallas is-somma ta' erbgħa u sittin elf u mitt euro (€64,100) lill-Bank of Valletta plc li kien da parti tiegħu kreditur ipotekarju u prvileġġjat speċjali fuq il-fond mibjugħ insinwata fir-Reġistru Pubbliku Għawdex, fil-Volum I bin-numri 406/2004 u 2044/2066;

Illi wara dik il-pubblikazzjoni, fil-11 ta' Ġunju 2012, is-soċjetà intimata odjerna ppreżentat rikors fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 42/2012 JD, fejn talbet li l-esponenti jiġi ordnat jiddeposita minnufih l-ammont sekwestrat ta' ħmistax-il elf mija u tmienja u sittin euro u sbatax-il ċenteżmu (€15,168.17c) sabiex tali ammont ikun jista' jiġi ritirat minn min għandu dritt għalih kif tiddisponi l-liġi;

Illi minkejja l-oppożizzjoni tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti, bis-saħħa ta' żewġ digrieti separati tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu 2012 u tal-15 ta' Ottubru 2012, ordnat lill-esponenti sabiex iwettaq id-depositu kif mitlub minn J.T.E. Limited – b'dan li għamlitha ċara li l-kwistjoni jekk effettivament l-aġir tal-esponenti kkaġunax danni lis-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri kellha tiġi ddeterminata fi proċedura *ad hoc*;

Illi in eżekuzzjoni ta' dik l-ordni l-esponenti wettaq id-depositu permezz ta' żewġ ċedoli separati – stante li fil-frattemp il-koppja Attard kien sseparaw legalment minn xulxin, waħda numru 99/2013 fil-konfront ta' Ivan Attard u l-oħra numru 100/2013 fil-konfront ta' Noemi Attard; f'liema ċedoli huwa għamilha ċara li huwa kien qed jiddeposita l-ammont mitlub *de proprio* u mhux minn flus is-sekwestrati, u assuġġetta dak id-depositu għall-kundizzjoni li s-somma hekk iddepositata għandha tibqa' hekk iddepositata sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar jekk l-esponenti huwiex obbligat jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' J.T.E. Limited, dwar jekk tali pretensjonijiet fil-konfront tas-sekwestrati humiex ġustifikati jew le, u in ġenerali dwar min huwa intitolat li jiżbanka l-flus hekk iddepożitati;

Illi fid-9 ta' Mejju 2013, is-soċjetà intimata intavolat rikors fejn, abbużivament u f'tentattiv li tevita li tinvestiga l-kwistjoni jekk l-aġir tal-esponenti kkaġunalhiex danni ossia le, u meta inoltre ma kellha l-ebda titolu eżekuttiv fil-konfront tal-esponenti, tlabet li tiżbanka l-flus iddepositati bis-saħħa ta' dawk iż-żewġ ċedoli. L-esponenti sar jaf bir-rikors u ppreżenta risposta fejn oppona ruħu għat-talba ta' J.T.E. Limited għar-raġunijiet hemm indikati. Fl-umili fehma tal-espoenti tali risposta tikkwalifika għall-finijiet tal-artikolu 375 tal-Kap.12;

Illi peress li kien għadu ma ngħatax digriet finali fuq it-talba ta' J.T.E. Limited u l-esponenti ħass il-bżonn li jikkawtela l-pożizzjoni u d-drittijiet tiegħu, huwa ppreżenta mandat ta' sekwestru sabiex ir-Reġistratur ta' din l-Onorabbli Qorti jiġi ordnat li ma jirrilaxxjax dawn il-flus sakemm ikun hemm deċiżjoni finali fuq min għandu d-dritt għal dawn il-flus; Tali sekwestru nħareġ biss f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati ġewwa Għawdex u limitatament għall-flus iddepositati biċ-ċedoli ppreżentati mill-esponenti;

Illi l-esponenti qiegħed jikkontesta l-pretensjoni ta' J.T.E. Limited li hija għandha xi dritt tiżbanka dawn il-flus għal diversi raġunijiet fosthom:

a. L-ewwelnett, il-mandat ta' sekwestru inħareġ fuq talba ta' J.T.E. Limited kontra Ivan Attard bla ma ngħataw il-konnotati tas-sekwestrati kif rikjest mil-liġi, li suppost għandu l-Karta tal-identità numru 29377(M). Ivan Attard li deher fuq il-kuntratt tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012 għandu l-Karta tal-identità numru 293778(M). Biex jingħad kollox, jidher li s-soċjetà J.T.E. Limited irrealizzat bl-iżball tagħha għaliex fit-30 ta' Marzu 2012 hija ppreżentat nota fl-atti tal-Mandat fejn iddikjarat li "l-karta ta' l-identità tas-sekwestrat Ivan Attard huwa 293778(M) u mhux kif erroneament indikat fl-okkju tal-Mandat ta' sekwestru odjern". Din in-nota baqgħet qatt ma ġiet innotifikata lill-esponenti. Barra minn hekk fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma hemmx indikata l-parentela tal-intimati – kuntrarjament għal dak mitlu mil-liġi. Fit-termini tal-Artikolu 376(3) tal-Kap. 12, in-nuqqas ta' xi waħda mill-konnotati tas-sekwestrati jirrendi l-mandat null *ipso jure.*

b. Fit-tieni lok, u interament mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jirreferi għad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Awwissu 2012 minn fejn jirriżulta ċar li "jekk ġewx ikkaġunati danni o meno [lill-kumpannija sekwestranti] għad irid jiġi stabbilit u ppruvat mis-soċjetà rikorrenti". Dan l-istadju sal-lum ċertament li għadu la biss ġie indirizzat u wisq u wisq inqas deċiż. L-esponenti huwa ferm u konvint fil-fehma tiegħu li fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, fejn il-flus ma ġewx irrilaxxjati lill-persuni li suppost kienu dawk sekwestrati imma tħallas lil kredituri ipotekarji tagħhom li għandhom kreditu li jippregradwa dak ta' J.T.E. Limited, din l-aħħar kumpanija ma setgħet sofriet l-ebda danni.

c. Fit-tielet lok, fil-mertu u interament mingħajr preġudizzju għall-premess, hija l-fehma tal-esponenti li l-aġir tiegħu effettivament ma kkaġuna l-ebda danni lis-soċjetá intimata għaliex il-flus li l-esponenti ħallas fl-interess tal-klijenti tiegħu ma marrux fil-but tas-sekwestrati imma marru biex tħallsu kredituri privileġġjati u ipotekarji tal-istess sekwestrati. Minn din il-perspettiva ma jistax jitqies li s-sitwazzjoni ta' kredituri mhux ipotekarji, u mhux ippregradwati, iktar u iktar kredituri li lanqas biss kien għad għandhom titolu eżekuttiv kontra s-sewkestrati, ġie b'xi mod jew ieħor ippreġudikat b'dan il-ħlas lil kreditur pozjuri;

d. Fir-raba lok, fit-termini tal-Artikolu 838B(1) mandat kawtelatorju jibqa' fis-seħħ biss sa ħmistax-il ġurnata wara li s-sentenza fuq il-

mertu għaddiet in ġudikat. Fil-każ odjern, il-kawża in sostenn ta' dan il-mandat kienet ir-rikors Nru. 2/2012 quddiem il-Bord tal-Kera fl-ismijiet "J.T.E. Limited vs Ivan Attard et". Is-sentenza f'dik il-kawża ngħatat fit-13 ta' Lulju 2012 u għalhekk għaddiet in ġudikat biss fit-2 ta' Awwissu 2013. Fit-termini tal-artikolu appena ċċitat, sabiex il-mandat jibqa' fis-seħħ, kien meħtieġ li s-sekwestrant jippreżenta nota li biha jirrendi eżekuttiv il-mandat fi żmien ħmistax-il jum mit-2 ta' Awwissu. La darba din in-nota ma ġietx ippreżentata f'dak it-terminu, skont dispożizzjoni espressa tal-liġi, il-mandat kien skada b'effett mis-17 ta' Awwissu 2012;

e. Fil-ħames lok, is-soċjetá intimata qed timpunja l-kuntratt li fuqu deher l-esponenti u li permezz tiegħu ħallas il-kreditu tal-Bank of Valletta plc kontra s-sekwestrati – u dan permezz ta' kawża pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "J.T.E. Limited vs Attard Ivan et", Rikors Ġuramentat Nru. 88/2012. Jekk is-soċjetá intimata tirnexxi fil-pretensjonijiet tagħha kif dedotti f'dik il-kawża, ikun ifisser li għandu jkun hemm ir-*restitutio in integrum* għall-istat anteċedenti l-iffirmar ta' dak il-kuntratt. Għaldaqstant it-talba tal-istess soċjetá għall-iżbank tal-ammont iddepositat mill-esponenti hija kunfliġġjenti mat-talba għall-annullament tal-kuntratt li fuqu sar il-pagament lill-Bank of Valletta plc.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru. 42/2012 JD fl-ismijiet "J.T.E. Limited vs Ivan Attard et" huwa u kien minn dejjem *ipso jure* null, kemm għaliex ma kienx jikkontjeni d-dettalji kollha rikjesti mil-liġi kif ukoll għaliex id-dettalji mogħtija mir-rikorrenti kienu skorretti;

2. Sussidjarjament tiddikjara li fid-dawl tal-fatt li d-dettalji tas-sekwestrati jew almenu ta' wieħed minnhom mogħtija minn J.T.E. Limited kienu skorretti, l-bank attur ma jistax jitqies li b'xi mod kiser l-ordni tal-qorti meta huwa ħallas flus fl-interess ta' persuna li kellha konnotati differenti minn dawk innotifikati lilu;

3. Sussidjarjament tiddikjara illi darba li l-mandat ta' sekwestru tilef l-effetti kollha tiegħu, hekk ukoll tilef l-effetti kollh atiegħu fil-konfront tal-esponenti bħala wieħed mis-sekwestratji;

4. Ukoll sussidjarjament tiddikjara li l-kwistjoni jekk bl-aġir tal-esponenti ġewx ikkaġunati danni lil J.T.E. Limited għadha ma ġietx investigata u deċiża u għalhekk it-talba ta' JTE Ltd. sabiex tirtira u

tiżbanka l-flus iddepositati bis-saħħa taċ-ċedoli Nri. 99/2013 u 100/2013 hija prematura u intempestiva u konsegwentement għandha tiġi miċħuda;

5. Tiddikjara u tiddeċiedi li effettivament, bl-aġir tal-esponenti meta deher fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012 ma ġew ikkaġunati l-ebda danni lis-soċjetá intimata u dan għar-raġunijiet fuq premessi u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Konsegwentement todna r-rilaxx tal-flus iddepositati mill-bank attur bis-saħħa taċ-ċedoli Nri. 99/2013 u 100/2013 lill-istess bank attur;

7. Sussidjarjament tiddikjara li fid-dawl tal-kawża Nru 88/2012 fuq riferita, kwalunkwe talba da parti tas-soċjetá intimata sabiex tiġi awtorizzata tirtira l-flus iddepositati mill-bank atur hija prematura u għandha tiġi miċħuda almenu sakemm ikun hemm deċiżjoni finali fuq dik il-kawża.

Bl-ispejjeż tal-proċeduri kollha fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 42/2013 u taċ-ċedoli Nri. 99/2013 u 100/2013 inkwantu dawn jirrigwardwaw lill-esponenti, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat mill-esponenti; u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa msejħa.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Noemi Attard li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi l-esponenti ma għandhom u qatt ma kellha xi relazzjoni ġuridika ma HSBC Bank (Malta) plc;

2. Illi jidher illi din it-talba hija aktar diretta kontra l-konvenuta J.T.E. Limited, u tifhem l-pożizzjoni tagħha f'din il-kawża bħala imħarrka 'għal kull interess li jista' jkolha' hija waħda merament għal integrita tal-ġudizzju. Bħala tali hija ma għandhiex tbgħati spejjes;

3. Illi filwaqt li tirrimetti ruħha għal provi miġjuba u għad-deċiżjoni tal-qorti hija tosserva biss is-segwenti u tirriserva li telabora fuqhom fl-istadku tal-provi tagħha:-

    I. Illi hija flimkien ma żewġha kienet debitriċi fil-konfront ta' Jason u Frances Attard, għal negozju (going concern) akkwistat minn għandhom;

II. Illi hij ama baqgħetx topera dan in-negozju li baqa' jiġi operat minn żewġha li spiċċa kisser dan l-istess negozju;

III. Illi l-konjuġi Attard baqgħu jinsistu għal flushom, u l-unika mezz li kien hemm kif jitħallsu kien billi l-esponenti u żewġha ibigħu d-dar matrimonjali tagħhom fin-Nadur;

IV. Illi fuq din id-dar kine hemm dejn naxxenti minn self favur il-Bank of Valletta plc sanċi bi privileġġ u ipoteka;

V. Il-konjuġi Attard għażlu li jixtru d-dar huma stess billi jħallsu d-dejn li kien hemm ma Bank of Valletta plc u titħassar l-ipoteka u privileġġ u l-parti l-oħra ipaċuha ma dak li kien dovut lilhom;

VI. Illi għal dan il-għan il-konjuġi Attard ħadu self minn għand l-bank Attur;

VII. Il-bank attur b'delega tal-konjuġi Attard ħallas d-dejn li kien hemm fuq id-dar ta' l-esponenti;

VIII. Illi dawk il-flus qatt ma kienu dovuti lil esponenti jew lil żewġha. Dawk kienu flus ta' min issellifhom (il-konjuġi Attard), li b'delega tagħhom tħallsu lil Bank of Valletta plc;

IX. Illi l-esponenti qatt ma rat dawn il-flus f'idejha u hi qatt ma kellha xi tip ta' relazzjoni ġuridika jew kontrattwali ma HSBC Bank Malta plc;

X. Illi kuntrarjament għal dak li tallega J.T.E. Limited kull parti f'dan il-kuntratt kienet dejjem in buona fede.

4. Illi din ir-risposta qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Noemi Attard li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Ivan Attard li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi minn qari tar-rikors ġuramentat huwa ċar li l-vertenza odjerna tirrigwarda interament u esklussivament lis-soċjetá rikorrenti bħala sekwestratarja u s-soċjetá intimata J.T.E. Limited bħala sekwestranta fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 42/2012 fl-ismijiet J.T.E. Limited vs Ivan Attard et. Din il-vertenza għandha żewġ ramifikazzjonijiet: (a) it-talba tas-soċjetá J.T.E. Limited preżentata fil-ħdax (11) ta' Ġunju 2012 sabiex is-soċjetá rikorrenti tiġi ordnata tiddeposita l-ammont ta' €15,168.17, liema ammont is-soċjetá J.T.E.

Limited qed tgħid li s-soċjetá rikorrenti kellha f'idejja u li allegatament naqset li tiddeposita wara li s-soċjetá rikorrenti kienet ġia' ġiet notifikata bil-mandat ta' sekwestru numru 42/2012; kif ukoll (b) it-talba tas-soċjetá J.T.E. Limited sabiex hija tiġi awtorizzata tiżbanka l-flus depositati mis-soċjetá rikorrenti. Dan ifisser għalhekk li l-esponenti Ivana Attard ma kellu qatt jiġi ċitat bħala intimat f'dawn il-proċeduri stante li huwa kompletament estraneju għal tali vertenzi u dan kif sejjer jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-każ. Difatti t-talbiet proposti mis-soċjetá rikorrenti ma jinvolvux direttament lil Ivan Attard u s-soċjetá rikorrenti m'hi qed titlb l-ebda kundanna fil-konfront ta' Ivan Attard. Dan joħroġ biċ-ċar anke mill-paragrafu li jintroduċi t-talbiet li jispeċifika: "*Għid għalhekk inti konvenuta għaliex ma għandiex din il-Qorti prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u sussidjarja ...* "

2. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess din il-kawża wkoll saret inutilment fil-konfront ta' Ivan Attard anke għaliex is-soċjetá rikorrenti ġia' adegwatament ikkawtelat il-posizzjoni tagħha fil-konfront ta' Ivan Attard bis-saħħa ta' kuntratt dataa tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2013 pubblikat fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech (Dokument A). Bis-saħħa ta' dan il-kuntratt l-intimat eċċipjenti ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur fil-konfront tas-soċjetá attriċi fl-ammont ta' sebat elf sitt mija u ħamsa u sittin ewro u erbgħa u tmenin ewro ċenteżmi (€7665.84ċ). Dan ifisser għalhekk li fil-konfront tal-esponenti – irrispettivament mill-eżitu ta' dawn il-proċeduri – is-soċejta' rikorrenti ġia' għandha f'idejja titlou eżekuttiv li tippermettilha sabiex tiġbor l-ammont dovut lilha mingħand l-esponenti tramite l-proeduri ta' esekuzzjoni idoneji. Isegwi għalhekk li fi kwalunkwe każ, anke jekk jirriżulta li l-presenza tal-intimat kienet neċessarja għall-integrita' tal-ġudizzju, xorta l-esponenti m'għandux ibati spejjeż ta' din il-kawża;

3. Salvi u impreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

4. B'riferenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat, l-esponenti jirrileva li dak sottolineat minn paragrafu numru wieħed (1) sa paragrafu numru tmienja (8) joħroġ minn proċeduri li saru u dokumenti uffiċċjali u għaldaqstant mhux qiegħed jiġi kontestat. B'riferenza għad-disgħa (9) paragrafu, s-soċjetá rikorrenti qegħda telenka l-kontestazzjonijiet tagħha għall-pretensjonijiet tas-soċjetá J.T.E. Limited, għal-liema pretensjonijiet u kontestazzjonjiet l-intimat Ivan Attard huwa għal kollox estraneju.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjetá konvenuta J.T.E. Limited li permezz tagħha eċċepiet:

1. Fl-ewwel lok, l-azzjoni attriċi ġiet intavolat u maħlufa minn persuna mpjegata tas-soċjetá attriċi illi m'huwiex debitament awtorizzat bl-artikolu għaxra (10) tal-Memorandum ta' l-Assoċjazzjoni tas-soċjetá attriċi sabiex jirrappreżentaha f'azzjonijiet ġudizzjarji. Għaldaqstant, l-azzjoni attriċi ġiet intavolata mingħajr d-debita awtorizzazzjoni, hija irritwali u konsegwentement, is-soċjetá eċċipjenti għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi inoltre l-Uffiċċjali Eżekuttiv Prinċipali tas-soċjetá attriċi m'għandu l-ebda poter jiddelega lil kwalunkwe mpjegat sabiex jirrapreżenta lill-istess soċjetá attriċi fi proċeduri ġudizzjarji kif għamil fil-każ odjern u dan in omaġġ tal-prinċipju *delegatus non potest delegare*. Illi tali poter ta' nomina delegata ġie vestit mill-azzjonisti esklussivament fil-bord tad-Diretturi u m'hux fl-Uffiċċjlai Eżekuttiv Prinċipali tas-soċjetá attriċi kif ser jintwera';

2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għas-suespost, is-soċjetá attriċi m'għandhiex l-interess ġuridiku illi tiltlob ir-rilaxx tal-ammont iddepożitat permezz taċ-ċedola numru 99/2013 fl-ismijiet 'Is-soċjetá "J.T.E. Ltd." (C 15382) vs Ivan Attard (M)' stante illi l-imsemmi Ivan Attard iffirma att ta' kostituzzjoni ta' debitu mas-soċjetá attriċi għall-ammont iddepożitat fl-imsemmija ċedola.

3. Illi fit-tielet lok, u bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma għal kollox irritwali u ma jistgħux jintlaqgħu stante illi l-akkoljenza tagħhom tippresuponi t-twarrib tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 t'Awwissu 2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 42/2012 JD fl-ismijiet 'Is-soċjetá "J.T.E. Ltd." (C 15382) vs Ivan Attard (M) et", liema digriet is-soċjetá attriċi bl-ebda mod ma ppruvat timpunja bl-azzjoni odjerna. Ġaladarba l-imsemmi digriet m'hux qed jiġi mpunjat mis-soċjetá attriċi kif kellha kull dritt tipprova tagħmel imma mandankollu naqset illi tagħmel, allura l-ordni ċara ta' din l-Onorabbli Qorti fl-imsemmi digriet tas-27 t'Awwissu 2012 illi "Tenendo kont taċ-ċirkostanzi kollha u tenendo kont tal-proviso ta' l-artikolu 378 tal-Kap 12 tordna lill-istess HSBC Bank Malta plc sabiex fi żmien ġimgħa millum jiddepożitaw l-ammon ta' ħmistax-il elf mija u tmienja u sittin euro u sbatax-il ċenteżmu (€15,168.17ċ)." ma tistax tiġi infilċjata bl-ebda mod kif qed tittenta tagħmel is-soċjetá attriċi bl-azzjoni odjerna illi għandha, għalhekk, tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

4. Illi fil-mertu, fir-rigward ta' l-ewwel talba attriċi, m'hemm l-eda lok illi l-mandat ta' sekwestru numru 42/2012 JD fl-ismijiet 'Is-soċjetá "J.T.E. Ltd." (C 15382) vs Ivan Attard (M)' jiġi ddikjarat null għax kien fih id-dettalji kolha rikjesti mil-liġi u ntlaqa' minn dina l-Onorabbli Qorti mingħajr problemi. Illi kien biss in-numru tal-karta ta' l-identita' tas-sekwestrat Ivan Attard illi tniżżel erroneament, liema żball ġie mmedjatament ikkorreġut u s-sekwestratarji kollha, inkluż is-soċjetá attriċi, ġew debitament mgħarrfa b'tali korrezzjoni kif ser jiġi ppruvat. Illi fi kwalunkwe każ, tali żball kien jikkonċerna wieħed biss mis-sekwestrati u fl-agħar ipotesi, l-mandat ta' sekwestru de quo ċertamet huwa validu fir-rigward tas-sekwestrata l-oħra.

5. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, s-soċjetá attriċi stess ammettiet fir-risposta tagħha tal-15 ta' Ġunju 2012 fl-atti tal-madat ta' sekwestru suċitat "illi l-esponenti jirrikonoxxi li interament bi żvista, meta ġie ppublikat il-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012, huwa naqas milli jieħu konjizzjoni tal-esistenza tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq iċċitat." Altru illi n-nuqqas ta' osservanza da parti tas-soċjetá attriċi tal-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex ma tirrilaxxax flessjes tas-sekwestrati fil-pussess tagħha kienet b'xi mod ipprovokata minħabba illi oriġinarjament in-numru tal-karta ta' identita ta' wieħed mis-sekwestrati kienet żbaljata kif issa qed tipprova tagħti x'tifhem is-soċjetá attriċi b'malizzja evidenti. Għaldaqstant, dina t-tieni talba għandha wkoll tiġi miċħuda;

6. Illi t-tielet talba attriċi hija għal kollox nfundata in konsegwenza tal-fatt illi l-ewwel talba attriċi bl-ebda mod ma tista' tiġi aċċettata kif diġa ntqal;

7. Illi fir-rigward tar-raba u ħames talbiet attriċi, dawn it-talbiet huma għal kollox intempestivi stante illi s-soċjetá konvenuta fl-ebda ħin ma talbet il-likwidazzjoni tad-danni kkaġunati lilha bl-aġir tas-soċjetá attriċi. Illi t-talba ta' l-iżbank ta' l-ammonti ddepożitati fiċ-ċedoli ta' depożitu

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte* dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetá konvenuta J.T.E. Limited.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tas-soċjetá attriċi u s-soċjetá konvenuta dwar din l-eċċezzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-legali tal-istess soċjetá konvenuta.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni tagħha s-soċjetá konvenuta qed issostni li hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għax il-kawża hija irritwali billi ġiet ippresentata u maħlufa minn impjegat tal-Bank attur illi ma kienx debitament awtorizzat.

L-artikoli rilevanti tal-liġi f'dan ir-rigward huma:

(i) l-artikolu 181 tal-Kap.12 li għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji ta' korpi b'personalita' ġuridika distinta jistipula li din tista' ssir minn "**wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A**"; u

(ii) l-artikolu 181A(2) tal-istess liġi fejn insibu li "**kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skond il-liġi għandha, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpanija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija**."

Fil-każ in eżami nsibu li din il-kawża ġiet ippreżentata u maħlufa minn ċertu Publius Borg, li la huwa direttur tal-Bank attur u lanqas huwa s-segretarju tal-kumpanija. Imma flimkien mar-rikors ġuramentat ġiet annessa dikarazzjoni datata t-18 ta' Ġunju 2013, (sitt ijiem qabel il-presentata ta' din il-kawża), iffirmata minn Mark Watkinson, il-Kap Eżekuttiv tal-Bank, li ssemmi *inter alia* lill-istess Publius Borg bħala wieħed mill-persuni awtorizzati "*to appear for and on behalf of the Bank in judicial proceedings and in filing judicial acts and demands.*"[1] Is-soċjetá konvenuta targumenta li a tenur tal-prinċipju li *delegatus non potest delegare*, din l-awtorizzazzjoni mhix valida.

Skond l-artikolu 10 tal-Memorandum of Association tal-Bank, ir-rappreżentanza ġuridika tiegħu kienet vestita fic-"*Chairman or the Chief Executive Officer, or, without prejudice to the powers of the Chairman or the Chief Executive Office, by any person or persons deputed and authorised for this purpose by the Board of Directors.*"[2] Issa bis-saħħa ta' riżoluzzjoni ffirmata

[1] Dok.C anness mar-Rikors Guramentat a fol. 7 tal-process
[2] Dok.HSBC 030913.3 a fol. 30

mill-Bord ta' Diretturi tal-Bank li ġġib id-data tal-24 ta' Novembru 2011, magħmula a bażi tas-sezzjoni 87 tal-Articles of Association fis-sens illi "*A resolution in writing, signed by all the Directors for the time being entitled to receive notice of a meeting if the Directors shall be valid and effectual as if it had been passed at a meeting of the Directors duly convened and held...,*" [3] il-kap eżekuttiv Mark Watkinson ingħata l-poteri, fost ħwejjeġ oħra, sabiex "*(iii) Without prejudice to the power of legal representation arising from Article 10 of the Company's Memorandum of Association the Board is hereby empowering the Chief Executive Officer to sub-delegate his power of legal representation of the Company to any third party delegated by him.*"[4] Dan huwa appuntu dak li għamel Mark Watkinson bid-dikjarazzjoni tat-18 ta' Ġunju 2013. Sew din l-awtorizzazzjoni, kif ukoll dik sussegwenti tal-Kap Eżekttiv lil Publius Borg saru bil-miktub, u għalhekk ir-rekwiżiti tal-liġi f'dan ir-rigward huma pjenament sodisfatti.

Għaldaqstant tiddeċidi dwar din l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetá konvenuta billi tiċħadha, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż relattivi jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[3] Ara dan l-artikolu a fol. 48 tergo
[4] Dok. HSBC 030913.1 a fol. 31